

## Att ... tal-2024

**li jemenda ċerti atti li huma interrelatati biex jagħmlu s-salvataġġ tal-ikel aktar effettiv**

...

### **2. Li jemenda l-Att XLVI tal-2008 dwar il-katina alimentari u s-superviżjoni uffiċjali tagħha**

#### **Artikolu 2**

Il-paragrafi (2c)-(2f) li ġejjin jiżdiedu mal-Artikolu 15 tal-Att XCVI tal-2008 dwar il-katina alimentari u s-superviżjoni uffiċjali tagħha (minn hawn 'il quddiem: L-Att XLVI tal-2008):

“(2c) L-oġġetti tal-ikel, kif speċifikat f'digriet ministerjali, b'perjodu minimu ta' durabbiltà ta' aktar minn 48 siegħa m'għandhomx jitqiegħdu fis-suq bħala oġġett tal-ikel fi żmien 48 siegħa qabel id-data ta' durabbiltà minima, ħlief kif previst fil-paragrafi 2d u 2e.

(2d) L-oġġetti tal-ikel, kif speċifikat fid-digriet ministerjali, b'perjodu minimu ta' durabbiltà ta' aktar minn 48 siegħa jistgħu jitqiegħdu fis-suq mingħajr ħlas fi żmien 48 siegħa qabel id-data ta' durabbiltà minima, soġġett għall-konformità mar-rekwiżiti tal-punt (a) fil-Kapitolu V tal-Anness II tar-Regolament (KE) Nru 852/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill.

(2e) Fir-rigward ta' każijiet ta' interess għas-sikurezza tal-ikel, is-sigurtà tal-provvista tal-ikel u l-protezzjoni tal-konsumatur, il-Gvern jista' jistabbilixxi regoli, permezz ta' digriet, għall-kummerċjalizzazzjoni ta' oġġetti tal-ikel li għandhom perjodu minimu ta' durabbiltà ta' aktar minn 48 siegħa u li huma speċifikati f'digriet ministerjali. Ir-regoli msemmija se jirregolaw il-kummerċjalizzazzjoni tagħhom bħala oġġett tal-ikel fi żmien 48 siegħa qabel id-data ta' durabbiltà minima.

(2f) Sabiex prodott isir disponibbli fis-suq mingħajr ħlas, kif definit fil-paragrafu 2d, il-persuna li tqiegħed il-prodott fis-suq għandu jkollha identifikatur FELIR.”

#### **Artikolu 3**

(1) Fl-Att XLVI tal-2008, il-paragrafi (1) u (2) tal-Artikolu 38/H għandhom jiġu sostitwiti b'dan li ġej:

“(1) Bil-ħsieb li jiġi evitat il-ħela tal-ikel u t-titjib tad-distribuzzjoni tal-ikel lil dawk fil-bżonn, in-negozjanti involuti f'attivitajiet ta' bejgħ bl-ingrossa skont it-tifsira tal-Att dwar il-Kummerċ u l-bejgiegħa bl-imnut tal-ikel li jbigħu oġġetti tal-konsum li jinbiegħu malajr skont it-tifsira tal-Att dwar il-Kummerċ u li ġġeneraw fatturat nett ta' aktar minn HUF 100 biljun fis-sena kalendarja preċedenti minn attivitajiet imsemmija fl-Artikolu 47/B(2) tal-Att dwar l-Ikel (bid-dazju tas-sisa u t-taxxa fuq il-prodotti tas-saħħa pubblika mhux inklużi) (minn hawn 'il quddiem kollettivament: l-entità li toffri l-offerta), tipproċedi bil-mod li ġej fir-rigward tal-oġġetti tal-ikel (kif speċifikat fid-digriet ministerjali) li huma fil-pussess tagħhom għal skopijiet kummerċjali:

(a) fil-każ ta' oġġetti tal-ikel imqiegħda fis-suq b'data ta' durabbiltà minima ta' aktar minn 48 siegħa, dawn għandhom mill-inqas 48 siegħa qabel id-data ta' durabbiltà minima

(b) fil-każ ta' oġġetti tal-ikel li mhumiex koperti mill-punt (a), huma intitolati li

joffru l-oġġett tal-ikel lil korp intermedjarju involut fis-salvataġġ tal-ikel skont il-ftehim mal-ÉMK, li jrid jiġi rreġistrat fil-bażi tad-data tas-salvataġġ tal-ikel. Tali offerti tal-ikel għandhom isiru permezz tas-sistema tal-IT operata mill-Food Rescue Centre Nonprofit Ltd. (“Élelmiszermentő Központ Nonprofit Korlátolt Felelősségű Társaság”) (minn hawn ’il quddiem: ÉMK).

(2) L-entità li toffri l-offerta għandha tibda r-reġistrazzjoni tagħha fil-bażi tad-data tas-salvataġġ tal-ikel skont il-paragrafu 4(b) billi ttiprovdi l-informazzjoni msemmija fil-paragrafu 5(b), filwaqt li il-korp intermedjarju involut fis-salvataġġ tal-ikel skont ftehim mal-ÉMK għandha tagħmel dan billi ttiprovdi l-informazzjoni speċifikata fil-paragrafu 5(b). L-ÉMK għandha toħroġ ċertifikat elettroniku tar-reġistrazzjoni u ttiprovdi lill-entità li qed toffri u lill-korp intermedjarju.”

(2) Fl-Att XLVI tal-2008, il-paragrafu (2a) tal-Artikolu 38/H għandu jiġi sostitwit bid-dispożizzjoni li ġejja, u l-paragrafu (2b) li ġej jiżdied mal-Artikolu 38/H:

“(2a) Il-korp intermedjarju jista’ jwassal l-ikel riċevut biss lil dawk fil-bżonn, u għandu jagħmel dan mingħajr hłas.

(2b) L-entità li tagħmel l-offerti tista’ tqiegħed fis-suq kwalunkwe ikel li tkun offriet permezz tal-Bażi tad-Data dwar is-Salvataġġ tal-Ikel u li ma tkunx irreġistrat sal-iskadenza stabbilita fid-Digriet tal-Gvern, skont l-Artikolu 15(2a) u (2d).”

(2) Fl-Att XLVI tal-2008, il-punti (b)-(d) tal-Artikolu 38/H(4) għandhom jiġu sostitwiti b’dan li ġej:

*(Bħala dmir ta’ awtorità pubblika fir-rigward tas-salvataġġ tal-ikel, l-ÉMK ser)*

“(b) topera sistema tal-IT, u reġistru elettroniku taħt is-sistema tal-IT (minn hawn ’il quddiem: Bażi tad-Data dwar is-Salvataġġ tal-Ikel), li fiha se tirreġistra d-dettalji ta’ dan li ġej:

*(ba)* l-entità li toffri l-ikel;

*(bb)* il-korp intermedju;

*(bbc)* l-ikel offrut u rreġistrat; u

*(bd)* l-utent,

skont il-paragrafu 5,

*(c)* tissorvelja l-konformità mal-obbligu li tiġi pprovduta data fil-bażi tad-data tas-salvataġġ tal-ikel,

*(d)* timmonitorja l-pjanijiet għat-tnaqqis tal-ħela tal-ikel tal-entitajiet li jagħmlu l-offerta, u tipproponi bidliet għalihom,”

(3) Fl-Att XLVI tal-2008, il-punt (f) tal-paragrafu (4) tal-Artikolu 38/H għandu jiġi sostitwit b’dan li ġej:

*(Bħala dmir ta’ awtorità pubblika fir-rigward tas-salvataġġ tal-ikel, l-ÉMK ser)*

“(f) tiżviluppa regoli dettaljati għall-offerti tal-ikel minn entitajiet li jagħmu offerti,”

(4) Fl-Att XLVI tal-2008, jiżdied il-punt (i) li ġej mal-paragrafu (4) tal-Artikolu 38/H:

*(Bħala dmir ta’ awtorità pubblika fir-rigward tas-salvataġġ tal-ikel, l-ÉMK ser)*

“(i) tikkoopera mal-korpi ta’ spezzjoni tal-katina alimentari, l-awtorità fiskali u doganali tal-Istat, u se jkollha s-setgħa li tibda proċedimenti uffiċjali.”

(5) Fl-Att XLVI tal-2008, il-paragrafu (5) tal-Artikolu 38/H għandu jiġi sostitwit bid-dispożizzjoni li ġejja, u l-paragrafi (6)-(8) li ġejjin għandhom jiżdiedu mal-Artikolu 38/H:

“(5) Il-Bażi tad-Data dwar is-Salvataġġ tal-Ikel għandu jkun fiha dan li ġej:

(a) id-data li ġejja dwar l-entità li tagħmel l-offerti:

(aa) l-isem;

(ab) il-post tan-negozju;

(ac) in-numru ta’ reġistrazzjoni tal-kumpanija;

(ad) in-numru tat-taxxa;

(ae) l-indirizz ta’ kull sit/bini;

(af) l-identifikatur FELIR;

(b) id-data li ġejja dwar il-korp intermedju:

(ba) l-isem;

(bb) il-post tan-negozju;

(bbc) in-numru ta’ reġistrazzjoni tal-organizzazzjoni;

(bd) in-numru tat-taxxa;

(c) id-data li ġejja dwar l-ikel offrut u rreġistrat:

(ca) il-barcode;

(cb) l-isem jew id-deżinjazzjoni;

(cc) il-pakkett individwali;

(cd) il-piż tal-unità;

(ce) id-daqs tal-unità;

(cf) il-kondizzjonijiet speċjali ta’ trasport u ħażna;

(cg) il-kategorija tal-prodott;

(ch) l-għadd ta’ biċċiet/oġġetti;

(ci) id-data tad-durabbiltà minima;

(cj) id-data “uża sa”;

(ck) il-kodiċi tal-lott;

(cl) il-firxa ġenerali tad-daqs;

(cm) il-valur kontabilistiku;

(d) l-informazzjoni li ġejja relatata mal-implimentazzjoni ta’ kompiti loġistiċi:

(da) informazzjoni dwar l-aċċessibbiltà tal-post ġeografiku tas-sit imsemmi fis-subpunt (ae) tal-punt (a);

(db) il-post tal-kunsinna tal-ikel offrut;

(dc) id-data tal-kunsinna tal-ikel offrut;

(dd) id-dettalji ta’ kuntatt bit-telefon tal-persuna responsabbli għall-għoti tal-ikel offrut;

(e) id-data li ġejja dwar l-utent:

(ea) l-isem;

(eb) l-età;

(ec) l-indirizz;

(ed) l-indirizz tal-posta elettronika;

(ee) in-numru tat-telefown.

(6) Il-korp intermedju jista’ jirreġistra, fid-database tas-salvataġġ tal-ikel, il-ftehim li ġie konkluż mal-entità li tagħmel l-offerta b’rabta mal-offerta tal-ikel.

(7) L-entità li toffri l-ikel u l-korp intermedju għandhom jinnotifikaw il-bażi tad-data dwar is-salvataġġ tal-ikel bi kwalunkwe bidla fid-data li ġiet ipprovduta matul il-proċess ta' reġistrazzjoni, fi żmien 8 jiem mill-bidla.

(8) F'dak li għandu x'jaqsam mal-implimentazzjoni tal-kompiti tagħha stabbiliti fil-leġislazzjoni, u bl-għan li tissorvelja s-sigurtà tal-ikel u d-distribuzzjoni tal-ikel għall-utent u li ttiprovdi informazzjoni dwar id-distribuzzjoni tal-ikel, l-ÉMK għandha d-dritt li ttipproċessa d-data msemmija fil-paragrafu 5(e) mill-mument tar-reġistrazzjoni tagħha fil-bażi tad-data għas-salvataġġ tal-ikel sal-irtirar tal-kunsens tal-utent, iżda għal mhux iktar minn tliet snin, li warajhom id-data għandha titħassar mir-reġistru."

#### **Artikolu 4**

(1) Fl-Att XLVI tal-2008, il-paragrafu (1) tal-Artikolu 38/I għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:

“(1) L-entità li tagħmel l-offerta għandha

(a) tfassal pjan għat-tnaqqis tal-ħela tal-ikel u tibgħatu lill-ÉMK,

(b) twettaq l-attivitajiet tagħha ta' salvataġġ tal-ikel skont il-pjan għat-tnaqqis tal-iskart tal-ikel, u

(c) taħtar uffiċjal tas-salvataġġ tal-ikel biex jikkoordina l-attivitajiet ta' salvataġġ tal-ikel.”

(2) Fl-Att XLVI tal-2008, il-punt (a) tal-Artikolu 38/I(2) għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:

*(Il-Pjan għat-Tnaqqis tal-Ħela tal-Ikel fih)*

“(a) il-kwantità ta' skart tal-ikel li ġiet iġġenerata mill-kummerċjant involut f'attivitajiet ta' bejgħ bl-ingrossa, u mill-bejjieġħ tal-ikel bl-imnut,”

#### **Artikolu 5**

Fl-Att XLVI tal-2008, għandu jiddaħħal l-Artikolu 38/J li ġej:

“L-Artikolu 38/J (1) Kwalunkwe kunsinna ta' ikel permezz tal-bażi tad-data dwar is-salvataġġ tal-ikel tal-ÉMK lil organizzazzjoni rreġistrata fil-bażi tad-data tas-salvataġġ tal-ikel tal-ÉMK, li għandha ssir mingħajr ħlas, għandha titqies bħala donazzjoni għall-finijiet tat-taxxa fuq il-valur miżjud, sakemm id-donatur ikollu ċertifikat maħruġ mill-ÉMK, jew – fil-każ ta' ftehim konkluż mill-ÉMK u d-donatur f'dan is-sens – id-donatur ikollu ċertifikat maħruġ mill-persuna li tirċievi l-ikel abbażi tal-informazzjoni pprovduta mill-ÉMK; u dan iċ-ċertifikat għandu jinkludi l-isem tal-ÉMK, id-donatur u min ser jirċievi d-donazzjoni, il-post tan-negozju tagħhom, in-numru tat-taxxa, u l-fatt u d-data tal-kunsinna tal-ikel fil-kuntest tas-salvataġġ tal-ikel.

(2) Jekk il-kundizzjonijiet skont l-Artikolu 38/H(1)(a) jiġu ssodisfati, il-kunsinna tal-prodotti tal-ikel għandha titqies bħala donazzjoni għall-finijiet tat-taxxa fuq il-valur miżjud, esklussivament skont it-tifsira tal-paragrafu (1).”

#### **Artikolu 6**

Fl-Att XLVI tal-2008, il-punt (h) li ġej jiżdied mal-Artikolu 62(1):

*(Għandha tiġi imposta multa għall-ispezzjoni tal-ikel)*

“(h) – ħlief kif previst fl-Artikolu 15(2d) – fejn oġġetti tal-ikel b’perjodu ta’ durabbiltà minima ta’ aktar minn 48 siegħa jitqiegħdu fis-suq fi żmien 48 siegħa qabel id-data ta’ durabbiltà minima”

### **Artikolu 7**

Fl-Att XLVI tal-2008, il-paragrafu (1a) li ġej jiżdied mal-Artikolu 63/B:

“(1a) L-ÉMK għandha, għall-ewwel darba, twissi lill-entità li tagħmel l-offerta jekk l-informazzjoni tiġi pprovduta lill-bażi tad-data tas-salvataġġ tal-ikel b’mod imdewwem, b’mod inkorrett jew jekk ma tingħatax affattu. Jekk l-entità li tagħmel l-offerta tonqos ripetutament milli ttipprovi informazzjoni, l-ÉMK għandha tibda l-impożizzjoni ta’ multa għas-salvataġġ tal-ikel mal-korp superviżorju tal-katina alimentari.”

### **Artikolu 8**

(1) Fl-Att XLVI tal-2008, il-punt (o) tal-Artikolu 76(1) għandu jiġi sostitwit b’dan li ġej:

*(Il-Gvern huwa awtorizzat li)*

“(o) jistabbilixxi, permezz ta’ digriet, regoli dettaljati dwar is-salvataġġ tal-ikel, bl-eċċezzjoni tad-definizzjoni tal-ikel li għandu jiġi offrut u li jista’ jiġi offrut permezz tal-Bażi tad-Data dwar is-Salvataġġ tal-Ikel,”

(2) Fl-Att XLVI tal-2008, il-punt (p) li ġej għandu jiżdied mal-Artikolu 76(1):

*(Il-Gvern huwa awtorizzat li)*

“(p) jistabbilixxi, b’digriet, ir-regoli dwar kif l-oġġetti tal-ikel, kif speċifikat fid-digriet ministerjali, b’perjodu minimu ta’ durabbiltà ta’ aktar minn 48 siegħa jistgħu jiġu kkummerċjalizzati bħala oġġetti tal-ikel fi żmien 48 siegħa qabel id-data ta’ durabbiltà minima.”

(3) Fl-Att XLVI tal-2008, il-paragrafu (3) li ġej jiżdied mal-Artikolu 76:

“(3) Il-Ministru huwa awtorizzat jirregola dan li ġej f’digriet maħruġ bi ftehim mal-ministru responsabbli għall-kummerċ:

(a) il-kategoriji tal-prodotti u aktar kriterji tal-għażla mill-kategoriji ta’ prodotti partikolari, fir-rigward tal-oġġetti tal-ikel – li jikkorrispondu għal dawn il-kategoriji u

(aa) ma jistgħux jitqiegħdu fis-suq bħala ikel matul it-48 siegħa qabel id-data ta’ durabbiltà minima,

(ab) għandhom jiġu offruti u jistgħu jiġu offruti permezz tal-Bażi tad-Data dwar is-Salvataġġ tal-Ikel, u

(b) il-metodu tal-pubblikazzjoni tal-linja gwida aġġornata (imħejjija mill-ÉMK) dwar l-oġġetti tal-ikel li għandhom jiġu offruti permezz ta’ bażi tad-data tas-salvataġġ tal-ikel.”

### **Artikolu 9**

Fl-Att XLVI tal-2008, taħt l-intestatura “*Dispożizzjonijiet tranżizzjonali*” għandhom jiddaħħlu l-Artikoli 76/D u 76/F li ġejjin:

“Artikolu 76/D (1) L-entità li tagħmel l-offerti u l-korp intermedju għandhom, fi żmien 15-il jum mid-dħul fis-seħħ tal-Att... tal-2024 dwar l-emenda ta' ċerti atti li huma interrelatati biex jagħmlu s-salvataġġ tal-ikel aktar effettiv, japplikaw għar-reġistrazzjoni fil-bażi tad-data tas-salvataġġ tal-ikel.

(2) Il-korp intermedju jista' jirreġistra, fil-bażi tad-data tas-salvataġġ tal-ikel, il-ftehim tiegħu relatat mal-offerti tal-ikel, li jrid ikun ġie konkluż qabel id-dħul fis-seħħ tal-Att... tal-2024 li jemenda ċerti atti li huma interrelatati biex jagħmlu s-salvataġġ tal-ikel aktar effettiv.

Artikolu 76/E L-entità li tagħmel l-offerta għandha tissodisfa l-obbligu tagħha skont l-Artikolu 38/H(1)(a) għall-ewwel darba fl-1 ta' Novembru 2024.

Artikolu 76/F Il-kummerċjanti li huma involuti f'attivitajiet ta' bejgħ bl-ingrossa u li huma meħtieġa jfasslu pjan għat-tnaqqis tal-iskart tal-ikel għandhom iħejju u jissottomettu dan id-dokument għall-ewwel darba sal-31 ta' Mejju 2025.”

### **Artikolu 10**

L-Artikolu 84 li ġej għandu jizzied mal-Att XLVI tal-2008:

“Artikolu 84 L-abbozz tal-Artikolu 15(2c)-(2e) kien soġġett għal notifika minn qabel, kif stipulat fl-Artikoli 5-7 tad-Direttiva (UE) 2015/1535 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Settembru 2015 li tistabbilixxi proċedura dwar l-għoti ta' informazzjoni fil-qasam tar-regolamenti tekniċi u tar-regoli dwar is-servizzi tas-Soċjetà tal-Informatika.”

### **Artikolu 11**

L-Anness tal-Att XLVI tal-2008 huwa emendat skont l-Anness 1 hawnhekk.

### **Artikolu 12**

Fl-Att XLVI tal-2008, fl-Artikolu 62(2), il-kliem “fil-każ imsemmi fil-paragrafu (1)(a)-(d)” għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem “fil-każ imsemmi fil-paragrafu (1)(a)-(d) u (h)”.

### **Artikolu 13**

Fl-Att XLVI tal-2008 dan li ġej għandu jiġi mħassar:

(a) il-punt (c) tal-Artikolu 38/I(2) u

(b) fl-Artikolu 38/I(2)(d), il-kliem “għall-ÉMK jew”.

## **3. Dispożizzjoni finali**

### **Artikolu 14**

Dan l-Att għandu jidħol fis-seħħ fil-wieħed u tletin jum wara l-pubblikazzjoni tiegħu.

## **Artikolu 15**

Ir-rekwiżit għan-notifika minn qabel tal-abbozz tal-intestatura 2 ta' dan l-att, kif stipulat fl-Artikoli 5-7 tad-Direttiva (UE) 2015/1535 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Settembru 2015 li tistabbilixxi proċedura għall-għoti ta' informazzjoni fil-qasam tar-regolamenti tekniċi u tar-regoli dwar is-servizzi tas-Soċjetà tal-Informatika, ġie ssodisfat.

Anness 1 għall-Att... tal-2024

1. Il-punt 15b li ġej jiżdied mal-Anness tal-Att XLVI tal-2008:

*(Għall-finijiet ta' dan l-Att)*

“15b. *reġistrazzjoni bħala ikel*: l-immarkar fil-bażi tad-data tas-salvataġġ tal-ikel tal-oġġetti tal-ikel li l-korp intermedju jimpenja ruħu li jqassam;”